MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 106/2004

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundanat thallas l-ammont ta' mija sitta u sebghin lira Maltija (Lm176) oltre it-telf ta' uzu tal-vettura tieghu, sofferti minnhu per konsegwenza tal-incident stradali illi gara fit-23 ta' Settembru 2004 fi Triq l-Imgarr, Victoria Ghawdex bejn il-vettura bin-numru FBE 614 misjuqa minnek u dik bin-numru FBF 357 proprjeta ta' l-attur.

Dan l-incident gara unikament tort u htija tieghek minhabba illi inti bqajt hiereg minn go petrol station, u mhux biss imblokkajt il-karreggjata proprja tal-attur, izda sahansitra ilqatt lill-attur illi dak il-hin kien qieghed jissorpassa vettura illi ghamlet is-sinjal sabiex tikser fuq ix-xellug taghha.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja kontra tieghek tas-26 ta' Novembru 2004 u tal-ittra ufficjali

prezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz lill-kumpanija assikuratrici tieghek, kontra tieghek u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“ Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut:

Jeccepixxi bil-qima:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfundati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-incident meritu ta’ din il-kawza sehh unikament tort ta’ sewqan traskurat, nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn-naha ta’ l-attur kif ukoll minhabba l-fatt illi l-attur naqas milli zzomm *a proper lookout*;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont kif pretiz mill-attrici huwa wiehed esagerat;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt

Bl-ispejjes.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti attur tinsab msejjah.”

Ra l-kontro-talba li tghid hekk:

“ Ghid ghaliex inti Michael Bugeja m’ghandekx thallas l-ammont ta’ Lm161.90, lima hsarat gew kawzati unikamnet tort tieghek fl-incident awtomobilistiku tat-23 ta’ Settembru, 2004.”

Ra r-risposta ghall-kontro-talba li tghid hekk:

“1. Illi l-pretensjonijiet tal-atturi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt peress illi l- incident sehh unikamnet tort u htija tal-konvenut.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema' l-provi

Ikkunsidra

Illi huwa ovvju li l-incident sehh unikament tort tal-manuvra inkonsulta tal-konvenut li hareg minn petrol station ghal go arterja ewlenija fil-gzira t'Ghawdex, u dan minkejja li l-vizwali tieghu kienet ostakolata minn vettura ohra stazzjonata fl-istess triq arterjali tistenna sabiex hija wkoll tidhol fil-petrol station.

Il-quantum tad-danni ghal dak li huma hsarat fil-vettura tal-attur jinsab sodisfacentement ippruvat u effettivament il-konvenut ma gieb l-ebda prova biex jikkontesta l-istess. Min-naha l-ohra, ghalkemm l-attur talab ukoll kumpens ghat-telf ta' uzu tal-vettura tieghu huwa ma gieb l-ebda prova f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' Lm176 ghal hsarat subiti fil-vettura tieghu kawza tas-sewqan negligenti tal-konvenut bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpelltorja tas-26 ta' Novembru 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------